**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 29 / 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Francis Abela**

Illum, 12 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Francis Abela bin Nikola u Catherine xebba Barbara imwieled Gudja nhar it-18 ta' Marzu, 1961 residenti gewwa 75, Ave Maria, Dawret il-Gudja, Gudja u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 196361 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar il-5 t' April, 2020, ghal habta ta' 14:40hrs fl-inhawi tal-Qrendi u f' dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1) (a) tal-AL 79 tal-2006 hek kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b' xi mezz xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1) (c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-26 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4 (1)(a); 7(1)(i) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, sabet lil qua imputat, Francis Abela, hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 2000. Fin-nuqqas ta' hlas tal-imsemmija multa dina tigi konvertita f' terminu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, fit-termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Abela minnhu pprezentat fl-14 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament, tilliberah minn kull htija u piena.

B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u /jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-ewwel Agravvju**

**a. Apprezzament tal-provi dwar l-insib**

Huwa vera li din l-Onorabbli Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-Ewwel Onorabbli Qorti b' mod facli, sakemm pero' , tali apprezzament ma jkunx ' *safe and satisfactory*' . Il-mistoqsija hija semplici kien hemm *active trapping* iva jew le. Mhux bizzejjed li jkun hemm persuna li tidher fil-filmat jew xhud li rat persuna tigbor ghasfara u xbiek biex tinstab htija fl-appellant kif donna ikkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti [1]. Biex wiehed jista' jghid li jkun hemm insib irid jipprova li jkun hemm tlett elementi:

1. L-azzjoni pozittiva tal-bniedem;

[1] L-attivita ta' tehid tal-ghasafar trid tkun wahda attiva (active trapping) u f' dan is-sens insibu il-P vs Karol Spiteri (App. Nru. 432/13 DS) per Imhallef David Scicluna u P vs John Vella (Kump. 401/2018) per Magistrat Dr. Joseph Mifsud.

2. Mansab li jista' jaqbad l-ghasfur, ossijja li jkollu molol, lasti, spag u xbieki;
3. L-ghasfar tal-ghana jew inkella bird-caller.

Li tkun hdejn mansab mhux necessarjament li tkun qed tonsob kif t' ghallimna il-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna fil-kaz il-**Pulizija vs Matthew Degabriele** (App Nru. 430/13DS) . Il-fatt li persuna tinqabad fuq camera jew tigi osservata tperrec l-ghasafar u tigbor ix-xbieki bl-ebda mod ma jfisser li tkun qed tonsob ghalhekk il-legislatur holoq artikoli ad hoc ghal min possibilment jghin jew ihajjar attivita' ta' tehid ta' ghasafar mhux skond ir-regolamenti. F' dan is-sens u fic-cirkostani li jidher li instab fihom l-appellant, kemm il-darba jigi accettat li hu hu, *forsi* seta' kien akkuzat taht l-artikolu 27 ta' LS 549.42 u mhux se mai kif gie akkuzat. Fi kwalunkwe kaz had ma xhed li l-appellant, jew dik il-persuna li kienet qed tigbor ix-xbiek u l-ghasafar kien qed jaghmel dan f' dik il-guranata U FIL-GRANET TA' QABEL!

**b. Apprezzament tal-provi dwar l-investigazzjoni**

L-azzjoni **tardiva hafna** tal-agenti tal-pulizija ma hija ta' l-ebda konfort ghall-prosekuzzjoni, anzi tali azzjoni illediet id-dritt tal-appellant ta' difiza xierqa. Kieku baghtu ghalih dak in-nhar stess jew ftit granet wara allura seta jkun f' pozizzjoni hafna ahjar biex jipprova fejn kien fil-hin u id-data li allegatament kien qed jonsob. Jew jekk kien huwa, ghas-sahha tal-argument biss, kienx qed jonsob fil-fatt jew inkellha qed jaghmel xi haga ohra per ezempju iperrec l-ghasafar u/jew jirranga xi xbieki halli jipprepara ghall-istagun tal-insib meta jiftah! Il-gustizzja ma tistax tistrieh fuq it-tkaxkir tas-saqajn tal-awtoritajiet, li baghtu ghas-suspettat xhur wara u addirittura bdew il-proceduri kontrih aktar minn sena wara l-akkadut. Issa huwa ben risaput li l-Awtoritajiet iridu jkunu dejjem pronti biex jivestigaw l-ilment minghajr l-ebda tkaxkir tas-saqajn u jiehdu dawk l-azzjonijiet necessarji kif

jidhrilhom huma. Din il-Qorti ta' l-Appell Kriminal stess qalet fil-**Pulizija vs Francis Briffa**:

*' Huwa tassew kundannabli li il-prosekuzzjoni tohrog akkuzi fi Frar 2020 meta l-allegat reti gew kommessi f' Ottubru 2018 u tistenna sa Jannar 2021 biex tinnotifika lill-akkuzat appelat bl-akkuzi dwar allegat reati li sehhew f' Ottubru 2018. Dan hu certament abbuz tas-sistema'*[2].

L-appellant irid ifakkar li dawn huma reat ta' natura sommarja, ghal kuntrarju li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti mhux ta' natura gravi u li huwa facilment investigati fi ftit tas-sieghat jekk ikun hemm il-volonta' tal-awtoritajiet li jistabilixxu il-fatti. Dan ma sarx u hu potenzjalment ukoll ghad-detriment tad-difiza tal-appellant.

L-appellant jemmen bi shih li l-investigazzjonjiet tal-pulizija ma' sarux sewwa u b' dik is-serjeta' necessarja u allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tarahom b' dik l-ottika u mhux taqbad u tigbed konkluzzjoni li l-appellant kien qed jonsob, ossija jiehu jew jipprova jiehu l-ghasafar waqt stagun maghluq. L-appellant ma nstabx fuq il-post fejn l-allegat attivita' illegali kienet qed issir[3]. Il-fatt li il-pulizija tal-ALE meta cemplet is-Sinjura Fiona Burrows kienu 'not available' ma jfissirx li l-investigazzjonijiet ma setghux isiru b' mod tempestiv mill-pulizija tad-distrett jew mill-istess pulizija l-ghada jew fil-granet ta' wara u mhux xhur wara! Wara kollox hemm Korp tal-Pulizija wiehed u kif qalet din l-Onorabbli Qorti fil-kaz il-**Pulizija vs Leeroy Balzan**:

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali per Onr. Consuelo Scerri Herrera App. Nru. 29/2021 deciza fit-18 ta' Mejju 2021.
[3] Ara f' dan is-sens il-Pulizija vs Emanuel Muscat App. Nru. 400/13DS data 19 ta' Ottubru 2016 as per Onr. Imhallef David Scicluna.

*' Illi kull min huwa responsabbli ghat-tmexxija efficjenti tal-korp tal-pulizija ghandu jara illi l-pulizija ikollhom l-ghodda kollha mehtiega biex jkunu jistghu jaqdu d-dmirijiet taghhom minghajr ebda xkiel u minghajr biza…. Min hu responsabbli ghandu jara illi dak il-membru tal-korp tal-pulzija jinghata l-ghodda u il-mezzi kollha sabiex jkun jista' jaghmel uzu minn dik is-sistema b' mod immedjat*[4]**.***'*

**c. Apprezzament dwar ix-xhud ewlieni Fiona Burrows.**

Huwa veru li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex min fdat biex jiggudika jsib htija jew jillibera i-persuna li tkun suggetta ghall-azzjoni penali[5]. Pero' ma jistax ikunu li ghax jitla' persuna ta' NGO ambjentali titwemmen u ghax jitla nassab jew kaccatur quddiem dawn il-Qrati ma jigix emmnut! Jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet b' mod esklussiv fuq dak li xhedet is-Sinjura Burrows kemm ghal dak li jirrigwarda identifikazzjoni kif ukoll dwar jekk kienx qed isir insib jew le. Il-filmat ezebit mis-Sinjura Burrows ma jidhirx li qed isir insib u ma jidhirx li l-persuna li hemm fil-filmat ghamel xi hin qed jonsob. Kieku li certament kien jinqabad fil-filmat u is-Sinjura Burrows kienet tirrapurtah. Meta wiehed jevalaw ix-xhieda ta' persuna bhas-Sinjura Burrows irid mhux biss jevalaw li din tinvestiga ghexieren ta' rapport fuq kacca u insib allegatament illegali kull sena u allura tara diversi ucuh! Ix-xhieda taghha saret qisa *cut and paste* u sfortunatament anki s-sentenzi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati fejn tirrigwara ix-xhieda ta' l-istess Fiona Burrows saret tkun *cut and past* u din hija emmnuta *a prexxinder*![6] Kif jista' jkun li persuna li taraha ftit minuti, kif tammetti l-istess Onorabbli Qorti tal-Magistrati tigi identifikata b' mod pozittiv wara aktar minn sena u nofs! Huwa minnu li tista' tghid li forsi li jixbhu, pero' li tixbah peruna

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Ottubru 2017 ikkwotata fil-Pulizija vs Therese Attard Flores Appell Nru. 273/2017 deciza fl-14 ta' Ottubru 2021 per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[5] Art. 638 (2) tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta.
[6] Ara is-sentanza P vs Carl Busuttil Abela Kaz Nru. 183-73 moghtija fl-istess jum tat-28 ta' Jannar 2022 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) as per Mag. Dr. Elaine Mercieca. TO CHECK AGAIN CASE NUMBER.

mhux il-prova rikjesta mill-ligi u ghalhekk l-azzjoni tal-pulizija kellha tkun tempestiva biex tistabilixxi il-fatti ghax b' hekk biss seta' jkollha l-ahjar prova! Dik il-gurnata x' kien liebes l-appellant, f' dawk il-granet kien bil-lehja, minhghajr lehja, bid-daqna jew?

Minghajr dubbju, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni ghandha interess attiv fil-proceduri[7]. Hija mhux biss attivista' kontra l-kacca u l-insib izda ukoll hija impjegata tal-CABS. L-ghixien taghha, quo impjegata, milli jidher jiddependi fuq ir-rappurtagg ta' attivitajiet dubbjuzi u suspettuzi u l-*conviction rate* tal-persuni imressqa il-Qorti. Huwa f' dan l-isfond li il-Qorti trid tezamina u tarbel ix-xhieda taghha peress li ghandha interess attiv u dirett fil-materja li qed tixhed dwara. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati gustament tikkwota is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fil-kaz **R vs Turnbull** li dawn il-Qrati f' diversi okkazzjonijiet jiccitaw pero' milli jidher naqset li thaddan il-principji hemm enuncati fis-sens:

1.Ix-xhud principali Burrows rat lil dik il-persuna darba biss f' hajjitha. Jidher car u tond li Burrows ratu minn diversi metri ' l boghod u il-filmat huwa anqas minn hames minuti b' kollox. Jigifieri dan huwa l-ahjar filmat u vizwali lis-Sinjura Burrows setghet tigbed tal-persuna li kien hemm quddiema.

2. Kif diga' inghad il-5 ta' April 2020, kienet l-unika guranata li rat lil dik il-persuna ghal meta qed tghid li gharfitu fl-awla tal-Qorti, meta kien f' bank wahdu u ghaddew aktar minn sena u nofs!

3. Kellha xi haga Burrows il-ghala gharfitu minn fost persuni potenzjalment suspettati? Le.

[7] Artikolu 633 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Burrows ma giet fl-ebda hin vicin is-suspettat u lanqas tghid kemm kienet ' l boghod minnu. Il-filmat huwa ta' ftit minuti u f' hafna mill-partijiet minnhom ma jidhirx wicc is-suspettat. Lanqas ma ngabet tixhed Patricia Molina Garcia[8]. Ghal kuntrarju ta' dak asserit mix-xhud Burrows u minn l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss ma jidhru ix-xbieki tal-hekk imsejjah mansab. Il-persuna li kienet fuq il-post qatt ma tidher la tpoggi u wisq anqas taqla xi xbieki. ***Aktar important min hekk jekk wiehed josserva il-fimat il-persuna tohrog mill-allegat post (li ma jidhrix u allura ma jistax jifhem kif Burrows tirreferi ghalih bhala dura) minn post mhux quddiem dak li Burrows tghid li huwa mansab. Il-moviment ta' dik il-persuna huma ' L shape' u kif inhu maghruf id-dura tkun bid-dritt il-mansab biex in-nassab ikun jista' jigbed il-hbula. Ma jezistix mansab li huwa ' L shaped' ghax inkella in-nassab la jkun jista' jara l-ghasfur gej fuq ix-xbieki u lanqas jigbed il-lenza/spag meta u jekk l-ghasfur eventwalment ipoggi!*** Dan il-fatt fl-umili sottomissjoni tal-appellant ukoll idghajjef t-tezi tal-prosekuzzjoni.

*A tempo vergine* is-Sinjura Burrows tghid u tikteb fir-rapport taghha li l-persuna li hija osservat meta kienet fuq il-post, u il-filmat juri din il-persuna ghal ftit minuti, **huwa ta' bejn 45- 55 sena, meta l-appellant ghandu aktar minn hekk, huwa average built u average height! Issa l-appellant huwa ABOVE average built u ABOVE average height!**[9] Alla jbierek aktar minn sena u nofs wara, biex iggibha vicin il-lick, dawret il-versjoni u gharfet l-imputat fl-awla. Mela nistghu nghidu li d-*dock recognition* hija *safe* u *satisfactory*? Dawn l-osservazzjonjiet l-Ewwel Qorti injorathom kompletament.

Ix-xhud PC 789 M. Said li f' idejh thalla l-file tal-investigazzjoni kien sajjem f' dak li kiteb *a tempo vergine* fit-22 ta' Awwissu 2020. Hu ma jghidx li gharaf lill-appellant meta baghat ghalih l-ufficcju biex jigi investigat pero' jghid xott xott li l-

[8] Artikolu 638 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
[9] Dan ir-rapport huwa ezebit fl-atti.

investigazzjoni waslitu ghall-appellant. Kif u x' fatta ma jghidx kif wasal ghalih pero' .

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi fin-nuqqas tal-elementi kif esposti aktar ' l fuq.

**It-Tieni Aggravju**

**Uzu ta' ghasfur protett bhala lixka (Tieni akkuza) .**

Minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fl-ewwel aggravju ghandu jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tal-pulizija, kif ukoll mix-xhieda tas-Sinjura Burrows, li ma ingiebet l-ebda prova li l-ghasafar li rat hija, prezunibilment bhala lixka, fuq il-post ma kienux *' closed ringed' , u allura protetti.* Ta' min jirrileva li l-ghasafar tal-ghana, u hawnhekk jidher car daqs il-kristall li l-ebda wiehed mill-ufficcjali tal-pulzija ma identifikhom bl-ispeci taghhom u hemm diversi speci ta' ghasafar tal-ghana. Huma jkunu biss illegali jekk ma jkunux *'captive bred'* u *' closed ringed'* kif definiti mill-istess artikolu 2 tal-imsemmija L.S. 549.42. Din il-prova hija kompletament nieqsa.

Anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss, ir-ritratt ' black and white' jittiehdu in konsiderazzjoni dawn ma jistghu qatt iwasslu sal-grad rikjest mill-ligi u jigu ikklassifikati bhala ghasfar protetti ghax kif intqal minn din l-Onorabbli Qorti ta' Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Shannon Cauchi** deciza fil-15 ta' Novembru 2019 (App. Nru. 301/18) per Mhallef Consuelo Scerri Herrera pg-118-119:

*' Mill atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghas-sigaretti misjuba…. Pero' ma giex prezentat ritratt dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt tas-*

*sigaretti. Kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta r-ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi' .*

L-istess ghandu jinghad ghal kaz in ezami. Ukoll jekk kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ir-ritratti ezebiti mill-pulizija, ghalkemm jista' jinghad li kien hemm xi gabjetti, l-kontenut ta' tali kaxxi/gabjetti ma jirrizultax. L-ebda wahda ma turi bic-car l-ghasafar u jekk dawn kienux bic-crieket f' saqajhom jew le. Lanqas saret il-prova, kif gia' inghad dwar l-ghasafar fihom infushom, ghax kemm l-ufficjal tal-pulizija kif ukoll is-Sinjura Burrows ghazlu li jirriferu ghalihom b' terminologija generika, ' *ghasafar tal-ghana' jew song birds*, li barra li ma issib l-ebda riferenza fil-ligi sussidjarja 549.42, lanqas saret prova taghhom kif titlob il-ligi. Li hu zgur hu li hemm diversi tipi ta' ghasafar tal-ghana u li dawn ma jigux rikonnoxxuti minn-nies ta' triq (*common lay persons*) u li l-anqas l-imharrek tad-WBRU Carl Cauchi ma intalab jew tal-anqas gie muri dawn l-ghasafar jew ritratti taghhom biex tikkonferma jew le x' tip ta' ghasafar huma, jekk kellhomx curkett jew le u b' konsegwenza jekk kienux protetti jew le.[10]

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mit-tieni akkuza.

**It-Tielet Aggravju**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess fl-aggravi l-ohra ghandu jinghad f' dak li jirrigwarda piena, l-appellant ma giex akkuzat li hu recediv u ghandu fedina penali kwazi netta tenut kont ukoll l-eta' tieghu ta' sittin (60) sena. Wiehed irid ukoll jikkunsidera li ghalkemm din hija procedura sommarja l-akkuzi jmorru lura

[10] Ara f' ukoll is-sentenza P vs Joseph Darmanin App. Kriminali 332/2011 deciza fid-9 ta' Lulju 2012 mill-Imhallef Lawrence Quintano fuq l-identifikazzjoni tal-ghasafar.

ghall-April 2020, jigifieri ghal-kwazi sentejn ilu. Fil-verita' l-iskop tal-piena mhux wahda ta' tpattija[11] u ghalhekk il-legislatur peres li huwa delizzju jhalli fid-diskrezzjoni wisa' tal-gudikant li jaghti piena infatti l-artikolu 27 (2) jghid li jekk wiehed jinstab hati JISTA' jehel u hemm lista' ta' konsegwenzi li jinkludu ukoll Ordni ta' Probation.

Infatti fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Justin Chetcuti** li kienet tirrelata dwar kacca minghajr permess fis-stagun maghluq din l-Onorabbli Qorti ma skwalifikatx lill-appellant mill-licenzji taht ir-regolament tal-ghasafar selvagg u lanqas taht l-Ordinanza dwar l-Armi[12]. *Dan ifisser li l-iskwalifika tal-licenzja mhux tassattiva*. F' kaz iehor **il-Pulizija vs Jonathan Sammut** din l-Onorabbli Qorti iskwalifika lill-appellant ghal-perjodu ta' skwalifika ta' sena u mhux sentejn[13].

Ghaldaqstant l-appellant jemmen bis-shih ghandu jkun hemm temperament fil-piena u li l-multa moghtija kienet sproporzjonata u ghandha tkun fil-minimum, jew tqarreb lejn il-minimum, kemm-il darba l-aggravi l-ohra ma jigux milqugha. Huwa ukoll jitlob il-klemenza ta' din l-Onorabbli Qorti anki f' dak li jirrigwarda l-licenza taht l-AL 79 tal- l-2006 kif sussegwent emendat kif ukoll dik mit-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Salv aggravji ohra;

**Ikkunsidrat,**

---

[11] Ara f' dan is-sens Il-Pulizija vs Maria Bondin et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Marzu 2019 as per Magistrat Dottoressa M. Frendo Dimech.

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera Appell Nru. 13/2020.

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali as per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera Appell Nru. 495/2017.

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Julian Genovese</u>**:[14] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***<u>ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.</u>*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***<u>izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.</u>*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.</u>**[15]" [12.5.94]; "**<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[16]" [14.2.1989]; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[17]" [31.5.1991]; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[18]" [31.5.1991] u ohrajn.)

---

[14] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[19]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[20]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[21] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk***

[19] 1969] 1 QB 276.
[20] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza**ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[22] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u**

[22] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

**b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[23]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u*

[23] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

> *ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[24] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[25] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [26] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not*

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[25] 1997 Edition Para 10-3.
[26] 1952.

*available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[27]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xhieda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[28] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xhieda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[29] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[28] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[29] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**PC 789 M. Said**[30] xehed permezz tal-procedura tal-affidavit fejn stqarr illi nhar it-22 t' Awwissu, 2020, kien beda ndagni dwar file mibghut mil-CABS, Case Ref (Cabs_trap_5.4.20). Mir-rapport u l-filmat mittiehed mill-CABS kien jidher persuna maskili jonsob ghall-ghasafar tal-ghana gewwa ghalqa fil-Qrendi nhar il-5 t' April, 2020 ghal habta ta' 14.40 hours. Jidher ukoll izarma u jitlaq minn fuq il-post b'vettura LIN-234. Hu qal li kellu bizzejjed evidenza u kkonkluda li l-individwu kien certu Francis Abela ID 196361M. Meta gie mitkellem Abela ghazel li ma jezericitax id-dritt tal-avukat u ffirma dikjarazzjoni ta' rifjut. Hu wera lil Abela l-provi li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu u dan tal-ahhar ghazel li ma jwegibx.

**Fiona Burrows**[31] xehedet bil-lingwa Ingliza nhar id-19 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li ser tkun qeghda tixhed ghan-nom tal-Committee Against Birds Slaughter. Hi spjegat illi nhar il-5 t' April, 2020, hi u voluntiera ohra kienu l-Qrendi *jfittxu trapping sites* illegali. F' 2.40 ta' wara nofs inhar indunaw b'wiehed li kellu l-ixbieki barra, *caged decoys* u li kien hemm xi hadd fid-dura. Hi qabdet tigbed video u l-kollega taghha marret tara x'karozzi hemm ipparkjati fil-vicinanzi biex jaraw wahda minnhom setghetx tkun tieghu. Hi qalet li ma setghetx tikkuntatja lill-pulizija minhabba l-problema tal-COVID. Xi 4.50pm is-suspettat li kien fid-dura, hareg u beda jigbor il-*caged decoys* mit-*trapping site*. Hu gabarhom u qafilhom go kamra fuq wara fuq ix-xellug fejn kien hemm ix-xbieki. Wara ftit minuti hu beda mixi l-boghod mit-*trapping site* u ma setghux jarawh iktar. Hi rat vettura titlaq wara ftit minuti u l-kollega taghha li kienet fejn il-karozzi rat lil din il-persuna u kien l-istess persuna fuq it-*trapping site* jigbor il-gageg. Hi tghid illi ghamlet id-DVD bil-videos u rapport, bin-numru tar-registrazzjoni tal-karozza ta' din il-persuna u ghaddietha lil EPU. Hi gharfet ukoll l-imputat fl-awla quddiem l-ewwel Qorti u esebiet ir-rapport taghha bhala Dok. FB1 u l-filmat immarkat bhala Dok. FB2.

---

[30] Fol. 5 tal-process.
[31] Fol. 17 tal-process.

**<u>Carl Cauchi</u>**[32] xehed nhar id-19 ta' Novembru, 2021 fejn qal li fl-2020 Abela kellu licenzja generali ghall-insib izda fil- 5 t' April, 2020 il-Gvern ma kienx applika l-ebda deroga ghall-insib fuq l-ebda speci u ghalhekk kull min kien ghamel hekk, ghamlu b'mod illegali.

**Ikkunsidrat,**

L-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appellant titratta dwar l-apprezzament tal-provi dwar l-insib. Din il-Qorti evalwat b'reqqa l-evidenza migjuba quddiemha, b'mod specjali l-filmat esebiet mix-xhud Fiona Burrows. Bl-esperjenza taghha, din il-Qorti tista' tikkonkludi illi minn dak li rat hi stess minn dan il-filmat u/jew filmati kien hemm attivita' ta' nsib da parte l-appellant. Dan mhux qed jintqal in arja izda it-tlett elementi msemmija mill-appellant stess fir-rikors tieghu kienu prezenti u cioe' l-azzjoni pozittiva tal-appellant, mansab li seta' jaqbad l-ghasfur u ghasafar tal-ghana jew inkella *bird caller*.

Fir-rigward tal-investigazzjonijiet tal-pulizija, l-Qorti tista' tifhem illi l-pulizija fi hdan l-ALE ma kienux disponibbli sabiex jattendu fuq il-post minhabba xoghol relatat mal-pandemija. Madankollu, din il-Qorti ma tistax ma tikritikax il-fatt illi zewg xhieda importanti ma gewx imressqa sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' ir-rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jikkonferma jekk ir-registrazzjoni tal-vettura msemmija tajjatx lill-appellant, kif ukoll il-kollega ta' Fiona Burrows, Patricia Molina Garcia. Oltre minn hekk, din il-Qorti temmen illi kull kaz ghandu jigi trattat b'mod individwali u ghalhekk m'ghandux jigi pparagunat ma sentenzi ohrajn fejn per ezempju l-pulizija agixxew b'mod iktar spedjanti jew inkella fejn kien hemm iktar dewmien.

[32] Fol. 24 tal-process.

Dwar l-apprezzament tax-xhud ewlieni u cioe' Fiona Burrows, din il-Qorti ma tarax li hu gust fejn l-appellant accena l-preciz kelmiet *'Pero' ma jistax ikun li ghax jitla' persuna ta' NGO ambjentali titwemmen u ghax jitla' nassab jew kaccatur quddiem dawn il-Qrati ma jigix emmnut!'* L-appellant, **kif ghandu kull dritt li jaghmel**, ghazel li ma jressaq l-ebda prova u ghalhekk ma ddeponiex quddiem l-Ewwel Qorti. Ghaldaqstant zgur ma jistax jinghad illi l-Qorti tal-Magistrati kienet selettiva jew *biased* f'dan ir-rigward. Kemm mit-testimonjanza tas-Sinjura Burrows, kif ukoll mir-rapport taghha pprezentat quddiem l-Ewwel Qorti johrog bic-car illi hija kienet ilha tosserva l-appellant ghal aktar minn saghtejn u mhux ghal ftit minuti biss.

Din il-Qorti sejra tghaddi billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur**[33]

> *'Din il-Qorti rat il-filmati fejn jirrizulta li hemm seba' (7) filmati ta' madwar minuta, zewg minuti kull filmat u f'uhud anqas minn minuta ghalkemm Fiona Burrows fixxhieda taghha tghid 'There are about five or six clips ... normally about five minutes long each clip maybe longer, it depends.' Kif tajjeb issottomettiet id-difiza ma hemmx filmat wiehed kontinwu izda clips qosra li huma intitolati '00010', '00011', '00012', '00015', '00017', '00018' u '00019' u li ghaldaqstant in-numri bhala titoli tal-'clips' ma jsegwux . Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra x'inhi 'real evidence.' Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Trevor Micallef Vs Moumen Troure'**[34], dik il-Qorti kienet ghamlet referenza ghal diversi awturi rigwardanti dak li jikkostitwixxi 'real evidence'. Fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Mejju, 2019.
[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ottubru, 2016 (Appell Nru: 513/2015)

*'L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):*

*'**A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses.** The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'**The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.***

Oltre minn hekk, iktar tard fl-istess sentenza inghad is-segwenti:

*'Gialadarba din il-Qorti hija tal-fehma li l-filmat wahdu mhuwiex bizzejjed ai fini ta' identifikazzjoni, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows hijiex sufficenti.*

*Ikkunsidrat;*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija versus Stephen Zammit'</u>***[35] *fejn gie kkunsidrat li:*

*'Il-Każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***<u>Turnbull (1977) QB 224</u>****, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:*

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under*

[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Lulju, 1998.

*observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger".;[36]'(Emfazi mizjuda u referenzi kif citati tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna). Il-kaz ta' R vs Turnbull gie citat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Kenneth Ellul'**[37].*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs Stephen Azzopardi'**[38] gie kkunsidrat:*

[36] ara Blackstone's Criminali Practice, 1991, paġna 1991; Archbld, 1997, paġna 1255-1256.
[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru, 2018 (Att ta'l-Akkuza numru: 16/2012).
[38] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Lulju 2017 (Kumpilazzjoni Numru: 1041/2014

*'Illi l-perikolu ta' in dock identification huwa evidenti. Fil-fatt il-Privvy Council*[39] *jirreferi ghal the obvious danger that a defendant occupying the dock might automatically be assumed by even a well intentioned eye-witness to be the person who had committed the crime with which he or she was charged.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. John Vella'**[40] *gie kkunsidrat:*

*'Dwar dock identification l-Archbold jghid:*

*Dock identifications are not inadmissible but when considering whether to exercise its discretion to admit such evidence the court should consider whether there is a good reason why an identification procedure did not take place – there being procedures which can take place where the suspect is not willing to participate in a formal identification parade. Where such evidence is admitted the court should remember the dangers of relying on such evidence, that (if the defendant was denied the advantage of participating in an identification procedure) the defendant has been disadvantaged by not participating in an identification procedure and that an identification witness may assume that the person in the dock is the person who committed the offence.*[41] *'*

---

[39] ) Ref Tido vs The Queen [2011] UKPC 16 per Lord Kerr. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh ilpagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[40] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Jannar, 2019 (Numru: 401/2018)

[41] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2018 Pg 654 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

*L-Avukat difensur ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija (Spettur Edel M. Camilleri) vs Joseph Axiaq'</u>***[42] *fejn Fiona Burrows kienet zbaljat fl-identifikazzjoni tal-imputat stante li kienet qieghda tirreferi ghal kaz iehor. F'dik is-sentenza intqal:*

*'9. Barrows fix-xhieda tagħha bdiet biex tidentifika lill-imputat appellant bħala li kienet ilpersuna li raw fuq il-post u kompliet tixhed li l-vettura li biha dik il-persuna telqet minn fuq il-post kellha n-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Ix-xhud Barrows imbgħad żiedet li kienet qed tirrealizza li fl-istess ġurnata kellha żewġ każijiet u li fil-każ ta' llum in- numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura kien SIM 031 u mhux IBC 864. Tal- aħħar kien jirrigwarda l-każ l-ieħor li fih ix-xhud Barrows ma kienetx identifikat lill-persuna involuta, kif irrilevat l-ewwel Qorti*[43]*. Għalhekk meta x-xhud identifikat lill-imputat l-ewwel darba kienet qed tirreferi għall-każ li kien jikkonċerna l-vettura IBC 864 u ċioe' każ ieħor u mhux ta' llum. Kien hemm ukoll fuq il-post żewġ vetturi oħra bin-numru KBC 106 u CBG 946.'*

*Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll li:*

*'13. Il-Qorti eżaminat il-filmat li jidher fuq id-DVD konsenjat minn Barrows lill-Pulizija u li jinsab esibit fl-atti. Fil-film tidher persuna maskili b'kappell mdeffes f'rasha sa fuq għajnejha u liebes nuċċali tax-xemx skur b'arbuxxell li kien jostakola l-viżwali tal-fattizzi ta' wiċċu. Aktar tard dak li jidher huwa l-istess persuna jidher ukoll f'distanza aktar 'il bogħod b'daru lejn il-camera miexja lejn dura*

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Lulju, 2017 (Appell numru: 592/2016)
[43] Fol. 18 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna) fis-sentenza citata)

*iżda f'mument minnhom għal xi sekondi jidher wiċċu lejn il-camera iżda bil-fizjonomija ta' wiċċu xejn rikonoxibbli f'dik id-distanza. Għalhekk il-video ma jagħtix serħan il- moħħ li min ħa l-video seta jirrikonoxxi lill-persuna li kienet tidher filfilmat. L-istess jista' jingħad għar-ritratti esibiti li juru l-istess affarijiet.'*
*In oltre, ġie kkunsidrat: '*

*16. Għalhekk l-uniku xhud prodott biex jidentifika lill-imputat hija effettivament Fiona Barrows li d-depożizzjoni tagħha, iżda, xejn ma tagħti affidament lill-identifikazzjoni tagħha tal-imputat. Bdiet biex tidentifika lill-imputat bħala l-persuna li rat fuq il-post u bħala l-persuna li saq minn fuq il-post fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IBC 864. Minnufih wara, iżda, rrealizzat li kienet qiegħda tħawwad il-każ ma ieħor preċedenti u issa qalet li l-vettura kienet bin-numru SIM031. Aktar tard reġgħet kkontradiċiet ruħha għaliex ikkonfermat li fil-fatt qatt ma rat il- vettura li biha telaq minn fuq il-post. Ta' min iżid li firrapport tagħha Barrows qatt ma qalet li rat lill-persuna in kwistjoni titlaq b'xi vettura iżda qalet biss li "He walked away" imbgħad żiedet li "and we did not see what vehicle he left in". Il-filmat li ġie prodott minn Barrows lill-pulizija ma jagħtix serħan il-moħħ li Barrows kienet f'pożizzjoni li tagħraf pożittivament lill-persuna li tidher fil-filmat. Is-surġent rapportat li għaraf lill-imputat mill-filmat ma ġiex prodott jixhed.*

*17. Ta' min iżid li fil-filmat, li huwa wieħed awdjoviżiv, ma jinstema' ebda bird caller u għalkemm tidher gaġġa waħda ma jidher fiha ebda għasfur jew decoy. Inoltre l-persuna li tidher fil-filmat ma tidhirx fid-dura fejn nassab soltu jistenna biex jaqleb ix-xbieki iżda*

*jidher barra d-dura f'ċertu distanza minnha sakemm fl-aħħar imur lejn id-dura u jidher li telaq minn fuq il-post.'*

*Din il-Qorti izda ma hijiex tal-fehma li din tnaqqas il-kreddibilita tax-xhud Fiona Burrows. Din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda ta' Fiona Burrows, liema xhieda kienet wahda konsistenti, hija konvinta bl-identifikazzjoni maghmulha minn Fiona Burrows fir-rigward tat-tlett imputati u ghalhekk inkluz l-appellant odjern Luciano Mirabitur. Jirrizulta li hi osservat lil dawn il-persuni ghal madwar hamsa u erbghin (45) minuta u ghalkemm f'xi waqtiet kienu mghammda, hija setghet tarafhom minn hwejjighom meta wicchom kien mikxuf u meta huma mexew qalb l-ghelieqi ghal vetturi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala ma ghandhiex tqis l-identifikazzjoni li ghamlet din ix-xhud bhala sufficenti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.'*

Il-kaz odjern huwa simili ghal dan indikat *supra*. Il-filmat wahdu mhux prova bizzejjed ghall-identifikazzjoni tal-appellant u din il-Qorti zammet f'mohhha illi d-deskrizzjoni tal-appellant fir-rapport ta' Burrows hi kemm xejn differenti minn dik li rat din il-Qorti quddiemha. Oltre minn hekk Burrows ukoll ghandha nteress fil-kaz odjern u dan peress li hi ngaggata mal-NGO ambjentali CABS. Madankollu, il-filmat maghdud flimkien mad-depozizzjoni tax-xhud Fiona Burrows kif ukoll il-PCR Person Details report, esebit fol. 7 tal-atti processwali li sahansitra anke juri wicc l-imputat, kollettivament jindikaw illi m'hemmx dubbju dettat mir-raguni mill-identifikazzjoni tal-appellant. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwardja it-tieni akkuza u cioe' li kkaccja jew ipprova jikkacja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti.

Hawnhekk il-Qorti sejra terga' taghmel refernza ghas-sentenza sucitata fejn intqal hekk fuq din l-imputazzjoni:

> *'Illi r-raba' imputazzjoni taqra li 'Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccjat jew ippruvajt tikkaccja, hadt jew pprovajt tiehu xi ghasfur billi wzajt lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.'*
>
> *Ir-rapport redatt minn Fiona Burrows u li jinsab fil-process tal-kawza kontra Carmel Xerri, jipprovdi li 'caged decoys were visible'. Fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li kien hemm 'cage decoys'. Jirrizulta mill-filmat '00011' persuna li qieghda tigbor gabjetti b'ghasafar hajjien fihom, li din il-Qorti qieghda tifhem li Fiona Burrows kienet qieghda tirreferi ghalihom bhala 'caged decoys'.*
>
> ***Illi ghalkemm jirrizulta li kien hemm numru ta' ghasafar f'gabjetti u li dawn huma komunament riferuti bhala 'caged decoys', l-imputazzjoni tipprojbixxi lixki ta' ghasafar protetti. L-appellant fl-appell tieghu ma jidholx fil-kwistjoni dwar jekk il-lixki kienux ghasafar li kienu protetti jew le. Gialadarba l-Pulizija ma marrux fuq il-post u ma gew elevati l-ebda lixki, ma jistax jigi determinat jekk l-ghasafar uzati bhala lixki kienux 'protetti' kif indikat fl-imputazzjoni jew le. Ghalhekk din ir-raba' (4) imputazzjoni ma tistax tissustixxi.***

Fil-kaz odjern ukoll jidher bic-car, kemm mir-ritratti u kemm mill-filmat esebit, li kien hemm xi ghasafar fil-gabjetti. Burrows fir-rapport taghha tirreferi ghalihom bhala *finches*. Ghalkemm huwa minnu illi taht il-Legislazzjoni Sussidjarja numru 549.42 u li ggib l-isem Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, hemm *finches* li huma protetti, il-Qorti ma jidrilhiex illi gie ppruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-ghasafar li kien hemm fil-gabjetti huma fil-fatt ghasafar protetti. Il-filmat, kif ukoll ir-ritratti ma jurux bic-car it-tip ta' ghasafar li kien hemm fil-gabjetti. Oltre minn hekk, il-pulizija ma marrux fuq il-post u PC 789 fl-affidavit tieghu jghid biss illi l-appellant kien qieghed jonsob ghall-ghasfar tal-ghana. Dan kollu maghdud, din il-Qorti ma jidrilhiex illi din l-akkuza tista' tissustixxi u ghalhekk qeghda tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant.

It-tielet aggravju tal-appellant jirrigwardja l-piena nflitta. Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tarquin Vella** moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija ppernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

F'sentenza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Gilbert Bezzina**[44] din l-istess Qorti enfasizzat is-segwenti:

> *'L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-*

[44] Deciza nhar is-16 t' Ottubru 2020

*sitwazzjoni ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' socjali.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att hkriminuż. L-effett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-iehor ta' natura specjali.*

*L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tigi kemm jista' jkun mizmuma milli tikkommetti reati minhabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerga jahsibha sew qabel ma jagħzel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-kollettivita milli tiddezisti ghax jekk tiddelinkwi minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura tehtieg li l-piena jkollha*

*aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija specifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati li hu proprju dak li jikkoncerna lil din il-Qorti specjalmet fil-kaz ta' reati kommessi minn teenagers kif inhu dan il-kaz. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-socjeta' bhal meta kien filmument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Izda aktar minn hekk il-hati ghandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li ghalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imħeggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu, jkollu biex jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.'*

Il-gurisprudenza prevalenti, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-eżercizzju ta' revizjoni imholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Dak li din il-Qorti issa trid tezamina hu jekk l-Ewwel Qorti setghetx tikkomina dik il-piena sabiex tkun certa li tali piena kienet fil-parametri tal-ligi u li ma kien hemm xejn x'jiddemostra li fil-fatt kellha tkun anqas minn dik kominata. Altrimenti ma jkunx hemm lok li tkun disturbata id-diskrezzjoni fdata f'idejn l-Ewwel Qorti.

Minn ezami tal-Ligi Sussidjarja 549.42 u partikolarment mill-artikolu 27(2)(a) jirrizulta li l-piena li tista tigi imposta ghall-akkuzi moghtija fil-konfront tal-appellant tvarja meta ikun hemm l-ewwel conviction ghal hlas ta' multa bejn is-somma ta' hames mitt euro (€500) sa massimu ta' hamest elef euro (€5,000) oltre li jkun hemm il-konfiska tal-*corpus delicti.* Oltre dan l-istess disposizzjoni tal-ligi fil-proviso tal-artikolu 27 jipprovdi ukoll li jkun hemm **b'mod tassattiv** is-sospensjoni tal-licenzja mahruga taht ir-regolamenti taht Parti XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' mhux inqas minn sentejn izda mhux aktar min hames snin.[45]

L-appellant gie kkundannat elfejn euro (€2,000) multa u sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghal

[45] Ara wkoll **il-Pulizija vs Clive Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-8 ta' Frar, 2022.

zmien sentejn. Il-piena mposta kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u ma kienitx wahda li tqarreb il-massimu. Madankollu, stante li din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant, ser tirriforma s-sentenza appellata billi minflok elfejn euro (€2,000) multa, timponi lill-appellant ihallas multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontrih, thassar u tirrevoka fejn sabet htija tat-tieni mputazzjoni, u konsegwentement tillibera lill-appellant minnha u filwaqt li tikkonferma fejn ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghal zmien sentejn, qieghda tordna il-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500) minflok elfejn euro (€2,000).

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur